KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 12 – IT-TLIETA, 29 TA' APRIL 2025**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier (assenti b'apoloġija) |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 12.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI (SKONT L-ORDNI PERMANENTI 14A (3)

12.1.1 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Kunsillier biex jiġi skużat mill-laqgħa minħabba li ser ikun qed jattendi lecture fl-istess ħin ġewwa l-Università ta' Malta. Il-Kunsillier ġie skużat mil-laqgħa tal-Kunsill.

## 12.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

12.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (12) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

12.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

## 12.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

12.3.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li l-Kunsill ġie notifikat li nhar it-8 ta' Mejju ser tingħata s-sentenza fil-Qorti tal-Appell dwar il-każ Alfred Borg u Costantino Borg bħala soċi u f'isem għan-nom u in rappreżentanza ta' Alfred Borg u Costantino Borg partnership en nom collectif u Emanuel Borg vs Kunsill Lokali Iklin.

Dan il-każ kien jitratta dwar proġett li l-Kunsill kien wettaq taħt il-Miżura 4.4 b'fondi tal-Unjoni Ewropeja li kien jikkonsisti f'rikostruzzjoni u tal-ħitan tas-sejjiegħ.

## 12.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

12.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-2 ta' April u l-25 ta' April 2025 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (2 April - 25 April 2025)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 88 | 02/04/2025 | Toroq bla dawl Triq Wied u Triq il-Ħwawar | settled | Triq Wied/Ħwawar | **ENEMALTA** |
| 89 | 03/04/2025 | Talba biex titranġa bankina li mhux lixxa fi Triq G Abos ħdejn stabbiliment tan-negozju. Qed jaqgħu ħafna nies | pending | Triq Ġeronimo Abos | **COUNCIL** |
| 90 | 04/04/2025 | Hemm leakage tal-ilma quddiem nru. 157, Triq Dun Karm | pending | Triq Dun Karm | **WSC** |
| 91 | 04/04/2025 | Talba urġenti biex jerġa jsir refreshing ta' road markings fi Triq Ċ Busuttil | pending | Triq Ċensu Busuttil | **CONTRACTOR** |
| 92 | 05/04/2025 | Talba urġenti biex jerġa jsir refreshing ta' road markings fi Triq Ċ Busuttil | pending | Triq Ċensu Busuttil | **CONTRACTOR** |
| 93 | 05/04/2025 | Talba biex terġa issir traffic mirror fi Triq Ġ Abos c/w Triq Ġ Curmi opp Magri Cylce | pending | Triq G Abos | **CONTRACTOR** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 94 | 02/04/2025 | Hemm tappieri f'forma ta' kwadrant iħabbtu quddiem 111 u 113, Triq il-Wied | pending - | Triq il-Wied | **IM** |
| 95 | 04/04/2025 | Bozza mitfija fuq arblu L04428 fejn 69, Triq il-Wied | settled | Triq il-Wied | **ENEMALTA** |
| 96 | 05/04/2025 | Talba biex jinqata' l-ħaxix fi Triq Għargħur u Sqaq Garda | settled | Triq Għargħur | **CLEANSING** |
| 97 | 07/04/2025 | Ħofra fuq bankina quddiem 62 Triq K Vassallo | settled | Triq K Vassallo | **WSC** |
| 98 | 09/04/2025 | Hemm ħofra quddiem 20 Triq Dwardu Cachia | settled | Triq Dwardu Cachia | **COUNCIL** |
| 99 | 09/04/2025 | Reminder - Talba għal road markings fi Triq Mons Carmelo Aquilina | pending | Triq Mons Carmelo Aquilina | **COUNCIL** |
| 100 | 09/04/2025 | Hemm tappieri f'forma ta' kwadrant iħabbtu quddiem 111 u 113, Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied | **IM** |
| 101 | 10/04/2025 | Talba biex jitranġa parking bay li hu veru żgħir għax ma jkunx jista joħroġ mill-garaxx fi Triq S Erardi | pending | Triq S Erardi | **IM** |
| 102 | 11/04/2025 | Hemm wires imdendlin fi Triq Mons Carmelo Aquilina | pending | Triq Mons Carmelo Aquilina | **GO** |
| 103 | 14/04/2025 | Talba biex isir reviżjoni tal-parking bays bil-possibiltà li jizdied spazju ieħor fi Triq K Vassallo fejn l-isqaq | pending | Triq K Vassallo | **COUNCIL** |
| 104 | 21/04/2025 | Talba biex jinżabar l-arbuxell fi Triq G Abos | pending | Triq G Abos | **COUNCIL** |
| 105 | 21/04/2025 | Din il-persuna qed tirraporta li hemm individwu tal-istess blokka fi Triq G Galea qed jagħmel il-permessi biex jirriseva l-ispazju għall-vettura tiegħu | closed | Triq G Galea | **COUNCIL** |
| 106 | 22/04/2025 | Hemm manhole 'loose' u bżonn li jsir il-maintenance tagħha quddiem 186, Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied | **IM** |
| 107 | 23/04/2025 | Hemm bozza tixgħel u titfi fuq arblu S024/28 fi Triq Mons Carmelo Aquilina | pending | Triq Mons Carmelo Aquilina | **ENEMALTA** |
| 108 | 24/04/2025 | Inspection chamber miksur fi Triq G Curmi | pending | Triq G Curmi | **ENEMALTA** |

## 12.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

12.5.1 Ma kienx hemm.

## 12.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

12.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

12.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, u l-Kunsillieri, Matthew Fenech u Mary Grace Gusman.

**(Doc. D anness)**

12.6.3 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Il-Kunsill awtorizza x-xiri tas-servizz ta' qtugħ tal-ħaxix u ġabra ta' skart goff fi Triq Karmenu Vassallo / Triq Anton Manoel Caruana mingħand il-fornitur Charlie Mifsud għall-prezz ta' Eur740 VAT inkluż;
2. Il-Kunsill awtorizza x-xiri tas-servizz ta' new street light installation fi Triq ir-Razzett l-Aħmar mingħand il-fornitur Mica Med Ltd għall-prezz ta' Eur910.04c VAT inkluż;
3. Il-Kunsill awtorizza x-xiri tas-servizz ta' new street light installation fi Triq Wesgħa J.B. Scicluna mingħand il-fornitur Mica Med Ltd għall-prezz ta' Eur1,168.60c VAT inkluż;

## 12.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

12.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

12.7.2 Applikazzjoni PA/00725/25 – Triq Ċensu Busuttil & Wesgħa Louis J. B. Scicluna, L-Iklin –

'To demolish existing terraced house, excavate basement for private garages, and construct 1 maisonette at ground floor level and 1 garage, 2 apartments at first, second and third floor respectively and two penthouses at receded floor level. (9 units in total)

12.7.3 Applikazzjoni PA/02647/25 – MCAST Triq Ġdida fi Triq il-Kbira / Triq Giuseppe Stivala, Naxxar / Triq Giorgio Locano L-Iklin – 'Proposed installation of chain link fencing and lighting system for approved football pitch (PA 9349/17).

12.7.4 Applikazzjoni PA/-2684/25 – Ix-Xwieki, Iklin – 'To sanction structure for pv panels as shown on attached drawings.

12.7.5 Applikazzjoni PA/01969/25 – Triq tal-Balal, Triq il-Ħwawar, Iklin – 'To demolish existing residential unit and construct fuel service station, relocating an existing fuel station, including a take away (drive through) facility at ground floor level, a preparation area and store at basement level, the placement of underground fuel tanks and oil-water separator, plus other additions and alterations.

12.7.6 Applikazzjoni PA/02123/25 – Seven Seas, Triq Alfons Maria Galea, Iklin – 'To sanction relocation of services at roof level from that approved in PA 2858/18, and minor differences in internal heights.

12.7.7 Applikazzjoni PA 02477/25 – 23, Triq Mons Pietru Pawl Saydon, L-Iklin – 'To sanction changes from previous permit PA/8114/17 including removal of planters in front garden, addition of lift at roof level, material changes to elevation and minor changes to wall layouts.

## 12.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-AUDITED FS 2024

12.8.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta l-aġġustamenti ta' natura korrettiva għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

12.8.2 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo għall-approvazzjoni tal-aġġustamenti skont kif proposti mill-udituri tal-Gvern.

12.8.3 Il-Kunsill approva *nem con*.

12.8.4 Imbagħad l-Accountant ippreżenta l-Istqarrijiet Finanzjarji bid-data tad-29 ta' April 2024. Dawn l-Istqarrijiet ġew moqrija u spjegati fid-dettal.

12.8.5 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet.

12.8.6 Ma kienx hemm.

12.8.6 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jikkunsidra u japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji wara li ġew verifikati mill-Udituri tal-Gvern.

12.8.7 Il-Kunsill approva l-Istqarrijiet Finanzjarji nem con.

**(Ara dok. E)**

## 12.9 AĠĠORANMENT DWAR FESTA FJURI 2025

12.9.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li l-preparamenti kienu fl-aqwa tagħhom bi tħejjija għall-edizzjoni Festa Fjuri 2025. Informa li kienet ser tissejjaħ Konferenza Stampa skedata għal nhar l-Erbgħa 14 ta' Mejju fi Ġnien Ninu Cremona biex issir pubbliċita ta' din l-edizzjoni. Informa li qed jintużaw diversi mezzi biex il-Kunsill jippromwovi l-attività kulturali Festa Fjuri u jidher li hemm rispons pożittiv.

## 12.10 INIZJATTIVA FINANZJARJA – LOKALITAJIET AKTAR NODFA SPI/SCI/03/2025

12.10.1 Is-Sindku Dott Dorian Sciberras ta *briefing* dwar l-inizjattiva qed tiġi mnedija bħala parti mill-World Clean up Campaign li ssir madwar id-dinja. Din it-tema tgħaqqad miljuni ta' voluntiera, gvernijiet u organizzazzjonijiet f'kull pajjiż biex jindirizzaw il-problema globali tal-iskart u jibnu dinja aktar nadifa, ekoloġika u aktar b'saħħitha.

L-għan ta' din l-inizjattiva huwa illi ta' kull sena nqajmu kuxjenza dwar l-immaniġjar tal-iskart u l-impatt fuq is-saħħa tal-komunità. Din l-inizjattiva għandha sservi sabiex il-Kunsilli Lokali jgħaqqdu l-komunitajiet fi ħdanhom bil-għan li jitwettaq tindif li permezz tiegħu l-lokalitajiet rispettivi jingħataw dehra aktar nadifa u sana.

Is-sbuħija ta' din il-ġurnata tinsab filkooperazzjoni u l-kollaborazzjoni - il-bini ta' pontijiet bejn komunitajiet differenti, inklużi llivelli differenti kollha tas-soċjetà – miċ-ċittadini għan-negozju, sal-Gvern.

Għar-raba sena konsekuttiva s-Segretarjat Parlamentari għallGvern Lokali b'kollaborazzjoni mad-Direttorat tal-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' Policy, qed jerġa' jniedi din l-inizjattiva finanzjarja fejn kull Kunsill Lokali jista' jibbenefika sa' massimu ta' €1,500 (inkluż il-VAT).

12.10.2 Wara diskussjoni, kien deċiż b'mod unanimu li l-Kunsill japplika f'ismu biex jorganizza din l-inizjattiva ambjentali. Il-Kunsill se jkun qed jitkellem mal-għaqdiet tal-lokal biex jieħdu sehem u jipparteċipaw.

12.10.3 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman se tkun qed tikkordina ma' Iklin Scout Group biex jipparteċipaw u jikkollaboraw f'din l-inizzjattiva ambjentali.

12.10.3 Din l-applikazzjoni ġiet diskussa u approvata waqt is-seduta tat-3 ta' April waqt il-Komunikazzjoni tas-Sindku u qed terġa tiġi kkonfermata taħt l-item fuq l-agenda 12.10. Is-Segretarju Eżekuttiv issottometta l-applikazzjoni skont *deadline* stabbilit mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy.

## 12.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

12.11.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 29 ta' Mejju 2025 fil-5.30 pm.

12.11.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis, 29 ta' Mejju 2025 fil-5.30 pm.

12.11.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.50 p.m.

**Dott Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv